V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9862 — Fiege/Reiner Kurzhals/Cornelius Brosche/Remondis/WDL)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2020/C 203/05)

1. Fid-9 ta' Ġunju 2020, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Fiege Logistik Stiftung & Co. KG ("Fiege", il-Ġermanja), parti mill-grupp Fiege (il-Ġermanja),

— Remondis Assets & Services GmbH & Co. KG ("Remondis", il-Ġermanja), parti mill-grupp Remondis (il-Ġermanja), finalment ikkontrollata minn Rethmann SE & Co. KG ("Rethmann", il-Ġermanja),

— Westphalia DataLab GmbH ("WDL", il-Ġermanja).

Fiege, Remondis u l-azzjonijist l-oħra, il-Professur Reiner Kurzhals u Cornelius Brosche, jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3 (1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' WDL.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Fiege: tappartjeni għall-grupp Fiege, li jipprovdi diversi servizzi ta' loġistika (prinċipalment) fil-Ġermanja, is-suq ta' pajjiżha, iżda wkoll barra l-pajjiż.

— Remondis: Remondis hija l-unità amministrattiva ċentrali tal-grupp Remondis. L-attivitajiet prinċipali tal-grupp Remondis huma r-rimi ta' skart, it-trattament tal-ilma u r-riċiklaġġ. Il-grupp Remondis huwa diviżjoni tal-grupp Rethmann. Il-grupp Rethmann huwa organizzat fi tliet diviżjonijiet: ġestjoni tal-ilma u l-ekonomija ċirkolari; il-loġistika; u l-ikel u l-għalf.

— WDL: tagħti konsulenza lill-kumpaniji fil-qasam tal-analitika tad-data u tiżviluppa u tikkummerċjalizza soluzzjonijiet għall-kumpaniji, fuq il-bażi ta' intelligenza artifiċjali u b'mod partikulari fuq it-tagħlim awtomatiku, għall-analiżi tad-*data* tan-negozju u għat-tbassir tal-iżvilupp tan-negozju, kif ukoll soluzzjonijiet għar-riċerka medika.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2019, p. 5.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9862 — Fiege/Reiner Kurzhals/Cornelius Brosche/Remondis/WDL

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja tkun dejjem speċifikata:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks: +32 22964301

Indirizz postali:

Europäische Kommission
Generaldirektion Wettbewerb
Registratur Fusionskontrolle
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË